

# Hemm tempju fil-quċċata fuq il-għolja li jgħasses

## il-Bidnija mżejna b'kull ġmiel naturali

Is-Sur Louis Vassallo

In-nies tal-Bidnija jqisu ruħhom bħala Mostin. U hekk ukoll iħarsu lejhom il-Mostin, li fihom għadhom jilmħu l-ħajja rurali fejn fiha tispikka n-nostalġija lejn il-Mosta ta' dari. Fil-bidu ta' Lulju, il-Kunsill Lokali tal-Mosta jżomm l-appuntament tiegħu mar-residenti tal-Bidnija, meta jorganizza wirja agrarja u folkloristika. Ikun fihom x'tara tassew, l-esebizzjonijiet ta' ħxejjex u l-frott tal-istaġun, kif ukoll il-ħwawar kemm friski u kif ukoll imnixxfin. Diversi dilettanti tal-għasir tal-għeneb jippreżentaw l-inbejjed tagħhom f'kompetizzjoni tal-itjeb inbid. Ikun hemm ukoll is-sezzjoni tat-trobbija tan-naħal u l-produzzjoni tal-għasel. Pari passu ma' dan kollu, ikunu esibiti wkoll numru sabiħ ta' snajja' antiki u artiġjanat Malti. L-atmosfera tradizzjonali tkompli bil-logħob tat-tombla għall-frisk taz-zuntier tal-knisja, waqt li l-għannejja u l-kitarristi jkomplu jsebbħu din is-serata sajfija għad-dawl tal-qamar u t-tiżjin tipiku tal-okkażjoni. Din l-attività annwali ġġibna konxji li l-motto tal-Mosta mhux wieħed skadut, iżda għadu wieħed relevanti għal żminijietna. *Spes Alit Ruricolam* (li bil-Malti jfisser 'It-tama tgħajjex (jew tmantni) il-bidwi') joqgħod tajjeb għall-Mosta tal-imgħoddi, li kienet marbuta ħaġa waħda mal-mestier tal-biedja u t-trobbija tal-annimali u li għal grazzja t'Alla, fil-Bidnija nsibu dan il-pulmun li għadu jiffunzjona b'mod sħiħ u naturali. Iżda l-awtoritajiet ekkleżjastiċi u ċivili mhux dejjem kienu tal-istess fehma dwar il-limiti tal-irħajjel tal-Bidnija, għax mhux ħafna 'l bogħod, il-Bidnija kienet maqsuma bejn in-Naxxar u San Pawl il-Baħar.

### Il-kwistjoni parrokkjali

Fl-1921 Gio Maria Dimech kien stieden lill-Arċipriet tal-Mosta Dun Pawl Mallia biex iberiklu r-razzett tiegħu. L-Arċipriet Mallia laqa' t-talba ta' dan il-bidwi u meta l-abitanti rawh fosthom, stednuh biex ibierek ukoll l-irziezet tagħhom. Hu baqa' jmur ta' kull sena, iżda, meta miet l-Arċipriet tan-Naxxar u laħaq ieħor ġdid, dan deherlu li hemm kien limitu tiegħu. Għalhekk beda jmur ibierek hu. Iżda n-nies tal-post xtaqu mod ieħor. L-ewwel nett il-parti li kienet tagħmel man-Naxxar kienet fi stat ta' telqa u t-tieni huma xtaqu li jibqgħu marbutin mal-Mosta. Kien biss meta l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi għamel reviżjoni tal-limiti bit-tħabbrik ta' xi saċerdoti Mostin li b'hekk fl-1950 il-Bidnija bdiet tagħmel mal-Mosta. Iżda kien baqa' xi djar li xorta waħda ma sarux biċċa waħda mal-Mosta. In-nies tal-inħawi 'Ta' Ċinċli' dehrilhom li m'għandhomx għalfejn jibqgħu jinqdew mill-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar. Kien fi żmien l-Arċipriet Dun Bert Bezzina li l-Bidnija fl-1964, saret parti sħiħa mill-Parroċċa ta' Santa Marija tal-Mosta. Rigward il-ġrajjiet ekkleżjastiċi nikkonkludu li l-Kurja, nhar is-17 ta' Ottubru 1988, waqqfet b'digriet l-erba' żoni pastorali tal-Mosta li huma, Ta' Mlit, Sant'Andrija, Santa Margerita u l-Bidnija.



*Il-Bidnija hi mżejna b'ambjent naturali mill-isbaħ. Veduta li tiġbed l-għajn, hi t-trejqa li tagħti għal Wied Qannotta*

## Azzjoni legali

Meta twaqqfu l-Kunsilli Lokali fl-1994, il-lokalità tal-Bidnija ġiet inkluża fil-konfini tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar. Il-Kunsill Lokali tal-Mosta intervjena minnufih u argumenta li l-Bidnija storikament u tradizzjonalment tagħmel parti mill-Mosta. Fl-1998 il-Kummissjoni Elettorali aċċettat li parti mill-Bidnija tibda tagħmel parti mal-Mosta. Dan il-pass kien ifisser li l-Bidnija spiċċat maqsuma fi tnejn. Il-parti residenzjali tagħmel mal-Mosta, waqt li l-parti rurali tibqa' fil-konfini ta' San Pawl il-Baħar. Bla dubju, il-Kunsill Lokali tal-Mosta ma qabilx ma' din id-deċiżjoni għax sostna li ma jagħmilx sens li tifred parti mill-Bidnija minn parti oħra tal-istess lokalità. Wara stennija mingħajr ebda risposta mill-awtoritajiet konċernati, il-Kunsill Lokali tal-Mosta ma kien fadallu ebda għażla ħlief li jirrikorri għal azzjoni legali kontra l-Kummissjoni Elettorali. Il-kawża nbdiet fi Frar 2001, fejn telgħu jixhdu, fost oħrajn, is-Sindku tal-Mosta s-Sur Joe De Martino, saċerdoti li f'xi żmien qdew il-ħtiġijiet spiritwali tal-Bidnija u diversi residenti anzjani tal-Bidnija, li lkoll xehdu dwar ir-rabtiet soċjokulturali u ċivili tal-Bidnija mal-Mosta. Din il-kawża tat raġun ġust lill-Kunsill Lokali tal-Mosta. Imma jonqos biss, li l-Kummissjoni Elettorali ddaħħal bi dritt lir-residenti tal-Bidnija fir-reġistru elettorali mad-distrett li jappartjeni għall-Mosta fost oħrajn.

## Twebblu li jibnu knisja

Il-Bidnija tinsab bejn żewġ widien, il-Wied tal-Ħżejjen u Wied Qannotta, fil-Majjistral tal-Mosta. Meta wieħed jiġbed lejn dan l-irħajjel, dlonk tisraqlu l-attenzjoni l-knisja tonda fuq il-għolja b'dik il-koppla ħamranija tagħha. L-istorja tagħha teħodna lura sa żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1918) meta n-nies tal-Bidnija twebblu li jibnu knisja speċifikament għalihom. Għax ngħiduha kif inhi, kellhom wisq strapazz u biex imorru għall-quddies kien jeħtiġilhom iterrqu sal-Wardija, Għajn Riħana jew jerħulha lejn il-Mosta. Ispirati minn dan il-ħsieb għaqli u bżonnjuż, huma għażlu tnejn minn sħabhom, Gio. Maria Dimech u Gio. Maria Galea, sabiex jiġbru l-flus u jirsistu għall-permessi meħtieġa. Għall-art tal-knisja, tas-sagristija u taz-zuntier kienu ħallsu s-somma ta' 16-il lira sterlina lill-Gvern. Il-ħidma ġiet afdata lil żewġ Mostin, fejn il-pjanta saret minn Mastru Salvu Zahra, waqt li x-xogħol tal-bini ngħata lill-bennej Anton Muscat. Aktar tard, ix-xogħol tkompla minn Ġużepp Zahra, li jiġi hu l-istess perit. Għat-tberik tal-ewwel ġebla, li sar mill-Arċipriet Dun Pawl Mallia, attendew ħafna nies, l-aktar Mostin u Mġarrin. Hawn, ta min isemmi t-tbatija li batew biex qatgħu l-ġebel minn barriera viċin it-Torri Cumbo u kemm tħabtu biex għabbewh fuq il-karettuni sakemm wassluh il-Bidnija! U kemm biegħu prodotti mir-raba' tagħhom u l-qliegħ għaddewh kollu għall-bini tal-knisja. Ix-xogħol fuq dan il-proġett li beda fl-1920 tlesta wara kważi sentejn, u ġiet imbierka mill-Isqof Mauro Caruana O.S.B. Din il-knisja ġiet iddedikata lis-Sagra Familja.



*Dettall mill-knisja tal-Bidnija, xogħol tal-Mosti Mastru Salvu Zahra, fejn jispikkaw il-koppla ħamranija u l-istatwa tal-Fidi, xogħol tal-iskultur Marco Montebello*

## L-Għamla tagħha

Għandha għamla tonda bi tmien twieqi fit-tanbur, koppla, anterna u kampnar f'nofs il-faċċata. Fuq wara għandha sagristija u żewġt ikmamar li fihom jgħammar il-qassis. Aktar tard matul is-snin disgħin tas-seklu għoxrin, maġenbhom inbniet sala mdaqqsa fejn fiha tiġi mgħallma d-duttrina u sservi wkoll għall-attivitajiet varji. Bla dubju, jispikka z-zuntier arjuż u spazjuż quddiemha. Fuq il-kampnar insibu statwa li tirrappreżenta l-Fidi, xogħol ta' Marco Montebello, waqt li ftit 'l isfel nilmħu żewġ niċeċ ta' San Pietru u San Pawl. F'Novembru 1954, fi żmien ir-Rettur Dun Karm Schembri min-Naxxar, sajjetta laqtet l-anterna u din sarilha ħsara ġmielha. Bit-tħabrik ta' Paċifico Dimech reġgħet inbniet minn Andrea Galea. Matul l-2012 u l-2013, sar xogħol estensiv ta' restawr, fejn din il-knisja reġgħet qiegħda tgawdi s-sbuħija arkitettonika fil-glorja tagħha. Waqt li minn ġewwa ġiet miżbugħa mill-ġdid ħadu ħsieb ukoll jirrestawraw l-induratura tal-prospettiva tal-kwadru titolari.

## Opri u funzjonijiet

Hekk kif tidħol ġewwa tara bi prominenza l-kwadru titolari li juri l-Madonna u San Ġużepp flimkien maċ-ċkejken Ġesù. Din l-opra sabiħa ħarġet minn idejn il-pittur Ġanni Vella. Il-benefattur tiegħu kien ċertu Ġanni, imlaqqam 'in-Nixxiefi'. Iż-żewġ kwadri laterali, dak tar-Rużarju u l-ieħor tal-Kurċifiss, huma xogħol ukoll ta' Ġanni Vella. Insibu statwa tal-Qalb ta' Ġesù, xogħol l-iskultur Spiteri Sacco li kien ħallas għaliha l-Konti tal-Wardija. Fi żmien ir-Rettur Dun Karm Mifsud, iżżanżnu konfessjonarju sabiħ, anbone u leġiju. Dawn l-opri sagri nħadmu mill-Mosti, Mastru Franġisku Tonna, u tħallsu bi flus mogħtija minn Katerina u żewġha Ġużeppi Sant. Nhar l-10 ta' Lulju, 1977, iżżanżnet l-istatwa titulari tas-Sagra Familja, xogħol Michael Camilleri Cauchi[1] li ħallas għaliha Anġlu Galea. Matul il-festi tal-Milied jiġi armat presepju mdaqqas, waqt li matul il-Ġimgħa Mqaddsa jsiru wkoll il-funzjonijiet għall-kumdità tar-residenti



*Din il-knisja hi ddedikata f'ġieħ is-Sagra Familja. Fuq ix-xellug nilmħu l-kwadru titolari li ġie mpitter minn Ġanni Vella, waqt li fuq il-lemin naraw il-vara li hi xogħol tal-istatwarju Michael Camilleri Cauchi*

tal-Bidnija, fejn jiġi armat l-Artal tar-Reposizzjoni bi tħejjija għall-Visti lil Ġesù Sagramentat. F'din il-knisja jsir ta' kull filgħaxija il-quddies fuq bażi regolari mit-Tnejn sas-Sibt. Waqt li fil-Ħdud u fil-festi kmandati toħroġ quddiesa fil-ħdax ta' filgħodu. Ir-rettur preżenti hu Dun Rafel de Martino li hu wkoll responsabbli mit-tagħlim tad-duttrina lit-tfal kollha tal-Bidnija.

## Il-festa

Meta fl-1977 iżżanżnet l-istatwa tas-Sagra Familja fi żmien l-Arċipriet Dun Bert Bezzina, bdiet tiġi ċċelebrata kif jixraq il-festa ta' dan l-irħajjel li tiġi ġimgħa wara l-wirja agrarja u folkloristika. Bla dubju, ir-residenti tal-Bidnija jkunu qegħdin bi ħrara jistennew din il-festa minn sena għal oħra. Il-qofol ta' din il-festa żgħira, imma ħelwa kemm tista' tkun, hija l-quddiesa bi prietka devota minsuġa mill-istess rettur tagħha. Wara, folla mdaqqsa ta' residenti, Mostin u xi erba' turisti, tibda tinġabar kemm fuq iz-zuntier u kif ukoll madwar il-misraħ ta' quddiem il-knisja. Il-ħruġ tal-vara toffri sfida mhux ħażin lir-reffiegħa, għax mhux daqstant faċli li toħroġ mill-bieb ewlieni. Hekk kif tixref barra, imrieżaq ix-xemx jagħtuha ġmiel mill-aktar naturali. Il-Bambin, jew aħjar it-tfajjel Ġesù, jisraq ix-xena bejn il-Madonna u San Ġużepp. Fl-infanzja tiegħu, l-istatwarju tah diġà bixra ta' Salvatur tad-dinja u bil-poża tiegħu bħal donnu jrid jgħidilna "Jien hu t-triq, il-verità u l-ħajja!" Il-kor tat-tfal li jattendu d-duttrina fil-Bidnija jilqgħu l-istatwa bil-kant tal-Ave Marija, akkumpanjati mill-Banda Santa Marija tal-Mosta. Imbagħad l-istatwa tkompli r-ronda tagħha ta' darba f'sena, isserrep minn qalb il-mogħdijiet tal-irziezet u d-djar tar-residenti. Kien hemm żmien meta kienet titla' ddoqq il-Bidnija, il-Banda ta' San Pawl il-Baħar u kif ukoll għal xi ftit tas-snin, kienet toffri dan is-servizz is-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard. Fewġa friska tħarrek ir-ritmu tal-bandieri mlewna fuq l-antarjoli u l-bjut tar-residenti. Hekk kif tinħeba x-xemx wara l-għoljiet, il-Bidnija tieħu s-sura ta' kartolina msaħħra! Qabel tidħol il-purċissjoni, il-membri li jaħdmu n-nar fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Santa Marija, jaħarqu xi murtali tal-beraq, tal-kulur u kif ukoll kaxxa infernali, li għal ftit minuti tiksi d-dalma tas-smewwiet b'għadd ta' bukketti kkuluriti. Hawn, tajjeb li ngħidu li din is-Soċjetà għandha l-kamra tan-nar tagħha f'Wied Qannotta, fl-inħawi tal-Bidnija. Il-festa tiġi fi tmiemha, hekk kif ir-rettur jagħti l-Barka Sagramentali lill-miġemgħa quddiem l-artal.

## F'Ħal Dragu

Dik li llum nafuha bħala l-Bidnija, fl-imgħoddi kienet magħrufa bħala Ħal Dragu, fejn fil-Lvant ta' din il-ħara għandha ħafna raba' tajjeb u li aktar minn mitt sena ilu, hawnhekk kien kollu saqwi. F'dil-parti kien hemm ħames għejjun tal-ilma fosthom l-Għajn il-Kbira, li madwarha jinsabu l-irziezet tal-Bidnija. Dawn kienu jagħtu kwantità ta' ilma u r-raba' msoqqi kien jasal sal-ballutiet u r-roqgħa tas-siġar taż-żebbuġ li jissejjaħ iż-żebbuġ Bidni. Skont l-istoriku Mosti Francesco Mangion, fl-1914 il-bidwi Gio. Maria Buhagiar kien għamel sejba li tipprova li l-art tal-Bidnija sa mill-eqdem żminijiet kienet art użata għall-biedja.

Buhagiar kien sab ġebla kbira tal-qawwi li biha kienu jagħsru ż-żebbuġ, vaska u tmien ħwat konnessi bejniethom b'kanal taċ-ċomb. X'aktarx li dawn l-oġġetti misjuba jmorru lura għal żminijiet neo-Puniċi u Rumani (300q.K.-200w.K). Din il-konklużjoni tista' tkun imsaħħa mill-fatt li fl-istess żona hemm numru ta' siġar taż-żebbuġ li Mangion qal li kien jismagħhom jgħidu li jmorru lura sa żmien il-passjoni ta' Kristu.



*F'nhar il-festa, il-vara tiġi milqugħa fuq iz-zuntier mill-Banda Santa Marija tal-Mosta, li mbagħad tkompli takkumpanjaha matul il-purċissjoni*

Fil-fatt hawn jinsabu mat-23 siġra taż-żebbuġ li skont H. Lewis fil-ktieb tiegħu *Ancient Malta A Study of Its Antiquities* tal-1977, jgħid li dawn is-siġar setgħu ġew imħawla mill-komunità li kienet tgħix fuq l-għolja tal-viċin. Prova tal-eżistenza ta' dan il-villaġġ antik dehret fl-oqbra u biċċiet tal-fuħħar li nstabu mxerrda f'dan il-post. Hawnhekk, fil-ħara ta' Ħal Dragu jgħidu li kien hemm knisja ddedikata lil San Nikola. Dan jistqarru l-istess Mangion, li jgħid li fi tfulitu, ċertu Ġużeppi Sant kien urieh il-pedament tagħha.

## Matul it-Tieni Gwerra Dinjija

Nhar il-11 ta' Ġunju 1940, bdiet għall-Maltin it-Tieni Gwerra Dinjija li għal pajjiżna, dan il-flaġell dam għaddej għal madwar tliet snin. Il-Mosta għalkemm bogħod mill-Port il-Kbir u mit-Tlitt Ibliet, fejn il-ħbit kien bil-wisq ikrah u fl-ogħla livell ta' ħruxija, madankollu ma ħelsitix ħafif. Bosta refuġjati min-naħat tal-Kottonera sabu kenn fil-Mosta, imma ma damux ma ntebħu li kienu ġew fl-infern! Minħabba l-ajruport f'Ta' Qali, il-fortizza fuq Wied il-Għasel, il-batteriji tal-kanuni li meta jisparaw kienu jtarrxu lil kulħadd u l-ħafna mkejjen militari oħra fil-qalba tar-raħal, il-Mosta kienet fil-fatt fiċ-ċentru tal-gwerra. Kienet waħda min-naħat f'Mata li qalgħet bombi u kellha sfortunatament għadd kbir ta' vittmi. Wieħed mill-ftit każi li xi Mostin fehmu li kienu jinsabu f'ħalq il-lupu u li dabbru rashom minn raħalhom kien in-nannu Wiġi u l-familja tiegħu. Huma marru jsibu kenn aħjar fl-irħajjel tal-Bidnija.

## In-Nannu Wiġi u l-Bidnija

In-nannu Wiġi li kien Rabti, flimkien man-nanna Karmni li kienet Mostija, ħallew warajhom id-dar li kellhom fi Triq il-Kungress Ewkaristiku u telgħu l-Bidnija biex isibu refuġju għand xi familjari li kienu jgħixu hemmhekk. Flimkien man-nanniet tiegħi, tala' magħhom, naturalment, missieri Joseph, l-uniku wild tagħhom li kien għad kellu xi erba' snin biss. L-erba' kmamar żgħar li għexu fihom fi żmien il-gwerra għadhom weqfin sal-lum, imma waħda minnhom tinsab bis-saqaf imwaqqa' u fi stat ta' abbandun. Dawn il-griebeġ[2] kienu mdawrin b'ħitan tas-sejjieħ, fejn kellhom quddiemhom spazju biżżejjed biex irabbu xi ftit tjur u annimali. F'ħajt minnhom kemxejn għoli, għadhom jidhru l-ħofor fejn kienu jpoġġu l-kenur u l-fuklar biex isajru. Kellhom ukoll il-bir, li kien ferm ta' ħtieġa għalihom u għall-bhejjem tagħhom u kif ukoll xelter żgħir biex jistkennu fih f'każ ta' xi attakk mill-ajru. Kienu ħaffruh huma stess.

## Inizjattiva nobbli

Darba fost l-oħrajn,[3] waqt li huma flimkien mar-residenti tal-Bidnija kienu għadhom kif ħarġu fuq iz-zuntier wara l-quddiesa tal-Ħadd filgħodu, in-nannu lemaħ fil-bogħod ajruplan tal-għadu li donnu rah jiġbed lejn id-direzzjoni tal-knisja. B'sens ta' responsabiltà ordna



*Il-kmamar żgħar li missier l-awtur flimkien mal-familjari tiegħu sabu refuġju fihom matul it-Tieni Gwerra Dinjija*


*Il-ħajt għoli ta' biswit dawn il-griebeċ, fejn jidhru l-ħofor li fihom kienu jpoġġu l-kenur u l-fuklar biex isajru*

lil kulħadd biex isibu kenn wara l-ħitan tas-sejjieħ bla telf ta' ħin. Dak li kien ħaseb in-nannu Wiġi seħħ ta' bilħaqq! L-ajruplan, x'aktarx Messerschmitt, beda jtir fil-baxx, sakemm fl-aħħar iddeċieda li jimmaxingja t-triq fejn bl-għajnuna t'Alla ma ndarab ħadd! Imqanqal minn dan il-fatt tal-biża', in-nannu ħaseb li jagħmel xi ħaġa ta' ġid, kemm għal qrabatu u kif ukoll għan-nies kollha tal-Bidnija. Fil-Mosta u f'postijiet oħra madwar Malta, kien hemm is-servizz volontarju tal-ARP li tfisser *Air Raid Warden*. Il-membri tal-ARP kienu jagħtu l-għajnuna lil min ikun jeħtieġ waqt il-ħbit mill-ajru. Konxju li f'każ ta' bżonn, il-Bidnija hi naqra mwarrba sakemm tasal l-għajnuna mill-ARP, in-nannu ħa f'idejh inizjattiva mill-aktar nobbli. Hu għamel sejħa mqanqla lill-irġiel tal-Bidnija biex darbtejn fil-ġimgħa jagħmlu taħriġ bażiku tal-ewwel għajnuna. In-nannu Wiġi kien ħarriġhom kif jgħinu lil dak il-proxxmu li jkun intradam; kif jaqilgħu l-ġebel u kif jieħdu ħsiebu billi jdewwuh kif jistgħu mill-aħjar li jafu. Il-ħtieġa qatt ma nqalgħet imma dan l-att erojku tan-nannu u sħabu għandu jiġi mgħarraf liż-żgħażagħ tagħna ħalli jkunu jafu minn xiex għaddew missirijietna taħt l-effetti


*Ir-razzett tal-familja Galea li "Talent Mosti" għażlu biex ikun ir-razzett ta' Wenzu u Rożi fil-videos li pproduċa b'suċċess madwar għoxrin sena ilu*

koroh tal-gwerra. Għax mhux kollox hu ddokumentat jew irrakkuntat fil-kotba tal-istorja. Jingħadu biss minn fomm għall-ieħor.

## Il-progress

Fil-Bidnija, il-progress dejjem mexa b'pass kajman. L-ewwel persuna li tassew irsistiet biex l-edukazzjoni tieħu postha kif xieraq f'dan l-irħajjel ma kien ħadd ħlief il-patrijott Mosti Emmanuel Benjamin Vella. Dan l-edukatur, storiku u awtur ta' ħila, meta laħaq spettur tal-Iskejjel Primarji, kien ħabbrek biex jintbagħat għalliem ħalli jgħallem liż-żgħażagħ jiktbu u jaqraw. Din kienet magħrufa bħala l-Iskola ta' bil-lejl, fejn fl-1950 inbidlet fi skola għat-tfal iż-żgħar. Illum, it-tfal tal-Bidnija għandhom ta' kuljum is-servizz tat-trasport skolastiku provdut għalihom u b'hekk jiġu jitgħallmu fl-iskejjel tal-Mosta.

Maż-żmien, il-Gvern daħħal ukoll is-servizzi tat-telefon u tal-posta. Bejn is-snin 1964-1965 sar titjib konsiderevoli. Infetħet it-triq li tagħti aċċess aħjar għal dan l-irħajjel u s-servizz tal-ilma tjieb ukoll. Fit-triq li tagħti għall-Mosta, fil-Wied tal-Ħżejjen inbena pont tal-konkos. B'hekk, it-telgħa tnaqqset mhux ħażin, waqt li wieħed ma kellux għalfejn aktar jgħaddi minn ġol-ilma speċjalment wara xi maltempata. Nhar l-1 ta' Novembru 1965 kien inawgurat is-servizz tal-elettriku. Madwar ħamsa u tletin dar ingħataw dakinhar id-dawl elettriku, waqt li fit-toroq inxtegħlu mal-11-il bozza.

Fil-Bidnija nsibu kumpless sportiv ta' livell internazzjonali. Qegħdin nitkellmu dwar ix-*Shooting Range* li hi attrezzata b'apparat mill-aktar modern, fejn fiha jitħarrġu diversi tiraturi tajbin, fosthom il-famuż u bravu William Chetcuti. Hawnhekk tinsab ukoll skola tal-*Horse Riding*.

Għall-grazzja t'Alla, fil-Bidnija għadna ngawdu għadd sabiħ ta' rziezet, giren u xi djar rustiċi, għalkemm mhux kollha jinsabu fi stat tajjeb. Uħud minn dawn l-irziezet ġew modifikati u attrezzati biex fihom jgħammru kemm persuni Maltin u kif ukoll barranin. Dan hu ta' min jinkoraġġih, dejjem jekk jiġi rispettat l-ispirtu ta' dawn il-binjiet, għaliex nistgħu nagħtu użu ġdid lill-wirt tagħna, filwaqt li nassiguraw il-ħarsien tiegħu.

Għal kumdità tar-residenti, fil-Bidnija nsibu kemm ħanut tal-merċa u kif ukoll bar li jinsabu maġenb xulxin fil-misraħ ta' quddiem il-knisja. Illum kważi kulħadd għandu l-karozza tiegħu u għalhekk mhix problema li r-residenti joħorġu f'ħakka t'għajn minn din il-lokalità biex imorru jaqdu l-qaddjiet ta' kuljum u kif ukoll jixtru

mis-*supermarkets* u ħwienet oħra. Il-Bidnija għandha wkoll is-servizz tat-trasport pubbliku permezz tax-xarabank.

### L-għeruq

Se niġu fi tmiem billi nibdew minn fejn tlaqna. Fis-snin disgħin tas-seklu l-ieħor, "Talent Mosti" ħadem b'suċċess erba' vidjows bil-karattri ta' Wenzu u Rożi u l-kumplament tar-raħlin flimkien man-nutar u l-kappillan. Ħafna mix-xeni kienu nġibdu fil-Bidnija, fejn is-seher tal-ambjent rurali kien spikka tassew. Dawn il-vidjows offrew stejjer ta' nies sempliċi u bla kumplessitajiet żejda. Ħsiebhom kien biss fil-familja, il-bhejjem, ix-xogħol u l-knisja. U l-praspar li kienu jimbtu kotrana daqs il-fjuri f'Wied Qannotta! Il-knisja ħelwa fuq il-għolja, il-griebeġ li darba kienu tal-familja ta' missieri u l-istess razzett li ntuża bħala l-wens u l-ġabra ta' Wenzu u Rożi għadhom ippreservati, kollhom ħajja fil-videos u d-DVDs. Fis-sempliċità tagħhom dawn il-produzzjonijiet huma bħal mera li fihom naraw il-passat tagħna bħala poplu. Għax jekk neżaminaw lilna nfusna u nqabbluhom mal-karattri ta' George Zammit, għajr li mfanndin fil-fond, kull Malti u Maltija għandhom imnejn isibu l-għeruq tagħhom. U fil-Bidnija, il-Mostin tat-tielet millenju għandhom eżempju ħaj ta' kif kienet magħġuna l-ħajja ta' dari, bis-sabiħ u t-tbatija tagħha.

## Noti

1. Riċerkaturi u xandara diversi kienu tal-fehma li din l-istatwa kienet xogħol l-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri. Meta f'Lulju 2009, "Talent Mosti" tella' wirja biex jagħtih ġieħ fl-okkażjoni tat-30 anniversarju minn mewtu, minn din l-attività ħareġ tagħrif ġdid. Kien ibnu stess Michael Camilleri Cauchi li qal lill-organizzaturi li fil-fatt l-istatwa tal-Bidnija kien ħadimha hu stess u mhux missieru.

2. Dawn il-griebeġ jinsabu fil-bidu ta' trejqa twila li tieħdok għal Wied Qannott. Faċċata tagħhom, ftit passi 'l fuq minnhom, hemm ir-razzett tal-familja Galea li kien intuża minn "Talent Mosti" bħala d-dar ta' Wenzu u Rożi.

3. Dan il-fatt kont smajtu mingħand is-Sur Joseph Muscat, li kien bejjiegħ tal-ġwież, xi xahar wara li kien miet missieri fi Frar tal-2010. Hu kien qalli wkoll li din l-istorja kien qalielu missieru stess għax kien wieħed mill-voluntieri li ssieħbu man-nannu Wiġi fil-Bidnija.

## Referenzi


Francesco Mangion, 'Il-Bidnija u l-Limiti tal-Mosta llum', E.B. Vella u Oħrajn, *Storja tal-Mosta* (Malta, 1986).

George Cassar u Joseph G.M.Borg, *Il-Mosta, il-Mostin u r-Rotunda tagħhom matul iż-żminijiet* (Malta, 2007).

Joseph G.M. Borg u Vanni Sant, *It-Toroq tal-Mosta* (Malta, 1998).

Joseph Micallef, *When Malta Stood Alone – 1940-1943* (Malta, 1981).

Tony C. Cutajar, *Il-Misteru tar-Rotunda* (Malta, 2003).

George Cassar u Louis Vassallo, *Minn tiġrib il-qedem Il-MOSTA tfassal ġrajjietha* (Malta, 2008).

Alfie Guillaumier, *Bliet u Rħula Maltin* (Malta, 1990).

Louis Vassallo, 'Mill-Bidnija għal Barċellona', Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, Mosta, *Annwal 2002* (Malta, 2002)

Louis Vassallo, 'Nithennew bil-kult reliġjuż Mosti....', *Il-Mosta*, Nru 11 (Vol.II), (2010).

Kunsill Lokali Mosta, 'Ħidma mill-Kunsill sabiex il-Bidnija kollha tkun mal-Mosta' rapport tal-Avukati Ganado u Sammut, *Il-Kunsill Tiegħek*, Nru 19, (2003).

Victor B. Caruana, 'Lejla Agrarja fil-Bidnija', Kunsill Lokali Mosta, *Il-Kunsill Tiegħek*, Nru 44, (2013).



Ħajr lil Dr George Cassar u s-Sur Joseph Muscat għat-tagħrif li għaddewli.



